MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Numru. 687/2013

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Antoine Camilleri ta’ 25 sena bin Francis u Mary nee` Camilleri imwieled Pieta` fil- 11 ta’ Mejju 1988 , residenti 48 Triq il-Karmnu Hal-Tarxien detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 235588M

Talli;

Fid-29 ta’ Gunju 2013 ghal habta ta’ 5pm u/jew hinijiet wara li kien fi Johanne Gardens Hal- Tarxien u/jew f’dawn il-gzejjer wolontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor , mobbli jew immobli u cioe` ghamel hsara fuq vettura ta’ ghamlta Toyota numru tar-Registrazzjoni DBT609 ghad-dannu ta’ Yanika Galdes minn Rahal Gdid u/jew persuni ohra liema hsara ma tiskorrix lef mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu( €1164.69)

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-fedina penali ghal kollox netta tal-imputat;

Rat l-istqarrija tal-imputat, fejn wiegeb ghall-mistoqsijiet kollha li sarulu mill-Pulizija;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat illi l-imputat kien gia’ hallas ghas-saldu d-danni li kien kkawza lill-parti leza, li min-naha taghha dehret fil-Qorti u qalet li ma kellha ebda pretensjoni ohra fil-konfront tal-imputat;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Din il-Qorti fuq ammissjoni m’ghandiex ghazla hlief li issib lill-istess imputat hati skond l-akkuzi dettota kontra tieghu u ghal daqstant qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena millum, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------